PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Programm Elettorali

# Żgħażagħ

Nifs ġdid liż-żgħażagħ: pajjiżek jgħinek timraħ

Nifs Ġdid

## Nifs Ġdid. Dan hu l-mument, tiegħek.

Din il-kampanja elettorali hija mibnija fuq wegħda ċara: b'dak li qed nipproponu rridu li nagħtu nifs ġdid lil Malta u Għawdex. Nifs ġdid lilek.

Fix-xhur li għaddew iltqajt ma' ħafna minnkom fid-djar, fil-pjazez u fuq il-postijiet tax-xogħol. Smajt it-tamiet, u l-aspirazzjonijiet tagħkom. Fuq kollox, fhimt kemm tħobbu lil pajjiżna. Bħalkom, jien kburi li jien Malti, u nemmen li flimkien nistgħu nibnu Malta u Għawdex li jistħoqqlok, li jistħoqqilhom uliedna.

Fil-programm elettorali qed nispjegaw kif nifs ġdid ifisser pajjiż li jerġa' jaħdem għan-nies: fejn inti jkollok aktar serħan il-moħħ, politika li tagħti futur liż-żgħażagħ f'pajjiżna, l-anzjani jgħixu bid-dinjità, u l-ħaddiema jkollhom paga aħjar. Nifs ġdid ifisser ukoll ekonomija ġusta fejn is-sidien tan-negozji jsibu gvern li jgħinhom u mhux li jfixkilhom, kura tas-saħħa fil-pront, edukazzjoni li tħejji għad-dinja ta' għada, sistema tat-trasport effiċjenti biex int ma tinqabadx fit-traffiku, kontijiet orħos u ambjent nadif li jagħtik nifs tajjeb għal saħħtek. Nifs ġdid ifisser ukoll Għawdex bħala reġjun b'potenzjal enormi li joffri futur lill-Għawdxin u jibqa' ġawhra għall-Maltin

Dan il-kapitlu, flimkien mal-bqija tal-programm elettorali, jippreżenta pjan ċar u realistiku biex inwettqu din il-viżjoni. Proposti konkreti biex intejbu l-ħajja tiegħek u nagħtu direzzjoni aġġornata lill-pajjiż.

Dan huwa l-impenn tagħna miegħek.
Flimkien nistgħu nagħtu lil Malta nifs ġdid.

**Alex Borg**
Kap tal-Partit Nazzjonalista



# Nifs ġdid liż-żgħażagħ: pajjiżek jgħinek timraħ

Żgħażagħ

L-ambizzjoni tagħna għaż-żgħażagħ hi ċara: irridu Malta li tagħti opportunitajiet liż-żgħażagħ biex jistudjaw, jaħdmu, ifaddlu, jagħmlu karriera, jixtru l-ewwel dar tagħhom, jieħdu ħsieb saħħithom u jagħmlu l-għażliet tagħhom f'pajjiżna stess.

Iż-żgħażagħ m'għandhomx jibdew ħajjithom b'sensazzjoni li pajjiżna qed jaqdef kontrihom. Minflok, jistennew sistema li tagħtihom ċans reali jimxu 'l quddiem u jimirħu; sistema li tagħtihom l-għodod biex jistudjaw mingħajr toqol finanzjarju żejjed, jidħlu fid-dinja tax-xogħol b'aktar serħan il-moħħ, jirnexxilhom ifaddlu minn dak li jaqilgħu, ikollhom sigurtà għal-lum u għall-ġejjieni, u jingħataw widen u vuċi vera fit-tmexxija u fid-direzzjoni tal-pajjiż.

Gvern ġdid Nazzjonalista mmexxi minn Alex Borg jagħti nifs ġdid liż-żgħażagħ tagħna bi pjan konkret li jolqot direttament lill-ħajja tagħhom: inqas taxxa, stipendji aħjar lill-istudenti, inċentiv biex jixtru l-ewwel dar minn kemm jista' jkun kmieni, appoġġ lill-istudenti li qed jistudjaw oqsma strateġiċi, inċentivi għal pensjoni privata minn kmieni, aktar sostenn lill-istudenti li jaħdmu jew li huma ġenituri, u servizzi aktar effiċjenti għas-saħħa mentali u sesswali taż-żgħażagħ.

Din mhijiex xi politika dwar iż-żgħażagħ. Din hija politika maż-żgħażagħ u għaż-żgħażagħ.

## Pjan ta' Azzjoni

# Żgħażagħ li jistudjaw, jaħdmu u jibnu l-futur f'Malta

Il-pjan tagħna hu mibni fuq erba' bidliet ċari:

L-ewwel, nagħmlu l-istudju aktar sostenibbli. L-istipendji jeħtieġ jirriflettu l-ispejjeż reali tal-istudenti tal-lum: teknoloġija, kotba, abbonamenti, tagħmir, sport, esperjenzi edukattivi u spejjeż oħra li jagħmlu parti mill-ħajja tal-istudenti.

It-tieni, nagħtu spinta fil-bidu tal-karriera. Iż-żgħażagħ li jaħdmu, jistinkaw u jikkontribwixxu għall-ġid ta' pajjiżna jingħataw ċans akbar biex ifaddlu minn dak li jaqilgħu biex ikunu jistgħu jinvestu fihom u fil-ġejjieni tagħhom.

It-tielet, ngħinu liż-żgħażagħ jibnu sigurtà finanzjarja fit-tul. Għalhekk liż-żgħażagħ ta' taħt il-35 sena se nagħtuhom kick-start biex inħeġġuhom u ngħinuhom jibdew pensjoni privata.

Ir-raba', nagħtu sehem reali liż-żgħażagħ fit-tmexxija tal-pajjiż. Iż-żgħażagħ ma jinstemgħux biss waqt xi konsultazzjoni iżda jkunu parti minn strutturi permanenti biex jinfluwenzaw u jagħtu sehemhom fil-politika.

Proposti Ewlenin

01

# Ħames snin bla taxxa fuq id-dħul sa €50,000 fis-sena

Gvern ġdid Nazzjonalista jagħti eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul għal ħames snin wara xulxin, fuq id-dħul sa massimu ta' €50,000 fis-sena, lil żgħażagħ Maltin u Għawdxin li kienu residenti f'Malta għal imqar 10 snin fl-aħħar 15-il sena u li jidħlu fid-dinja tax-xogħol bħala impjegati jew self-employed. Fil-kas ta' self-employed ic-certifikati tal-microinvest ma jkunux jiskadu biex ma jitilfux il-benefiċċju tat-tnaqqis tat-taxxi.

Il-ħames snin jistgħu jibdew fi kwalunkwe punt fl-ewwel għaxar snin tal-ħajja tax-xogħol. B'hekk iż-żgħażagħ jistgħu jużaw dan il-benefiċċju meta verament ikollhom bżonnu: meta jkunu qed ifaddlu għad-depożitu tal-ewwel dar, jibnu karriera, u jibdew familja.

02

# Żieda ta' 25% fl-istipendji

Gvern immexxi minn Alex Borg iżid l-istipendju tal-istudenti kollha b'25%. Din hi żieda immedjata u diretta biex l-istudenti jkollhom aktar serħan il-moħħ u biex il-familji ma jibqgħux iġorru waħedhom il-piż tal-ispejjeż tal-istudju.

03

# Youth Pension Kick Start. €1,000 fis-sena għal ħames snin

Gvern ġdid Nazzjonalista jiddepożita €1,000 fis-sena għal perjodu ta' ħames snin, direttament f'kont ta' pensjoni privata għal kull persuna taħt il-35 sena li tiddeċiedi tagħmel skema ta' pensjoni privata. Dawn ifissru kontribuzzjoni ta' €5,000 biex iż-żgħażagħ jibdew jibnu pensjoni oħra minbarra dik tal-Gvern.



# Aktar appoġġ finanzjarju

## 4. L-istipendji jibqgħu jiżdiedu skont l-ispejjeż reali tal-istudenti

Minbarra ż-żieda ta' 25%, mit-tieni sena 'l quddiem l-istipendji jibqgħu jiżdiedu b'mod sinifikanti biex ikunu jirriflettu aħjar iż-żieda fl-għoli tal-ħajja. Il-kalkolu jkun ibbażat fuq basket realistiku ta' spejjeż tal-istudenti, fosthom faċilitajiet għall-istudju, attivitajiet sportivi, tagħmir teknoloġiku, kotba, abbonamenti u spejjeż oħra relatati mat-tagħlim. Fil-kalkolu jitqies ukoll is-safar edukattiv u kulturali, għax dan għandu valur edukattiv, jiftaħ orizzonti ġodda u jgħin liż-żgħażagħ jiksbu esperjenzi li jsaħħu l-ħiliet u l-kunfidenza tagħhom.

## 5. Stipendji daqs il-paga minima għall-istudenti tan-nursing, il-kura tas-saħħa u oqsma strateġiċi

Inżidu l-istipendju tal-istudenti tan-nursing u ta' karrieri oħra fil-kura tas-saħħa biex jilħaq madwar €1,000 fix-xahar. Din iż-żieda qawwija tapplika għall-istudenti li jagħmlu korsijiet tan-nursing u korsijiet oħra fis-saħħa fl-Università ta' Malta u fl-MCAST. L-istess prinċipju japplika għal korsijiet oħrajn f'oqsma strateġiċi fejn Malta għandha nuqqas ta' professjonisti.

## 6. Appoġġ lill-istudenti li huma ġenituri

Nintroduċu appoġġ addizjonali għal studenti żgħażagħ sa 35 sena li huma ġenituri. Dan ikun daqs il-paga minima, biex min għandu familja ma jkunx imġiegħel jagħżel bejn l-istudju u r-responsabbiltà tiegħu bħala ġenitur.

## 7. Stipendji għal kull student full-time f'livell post-graduate

Inwessgħu l-eliġibbiltà għall-istipendji biex tkopri lill-istudenti kollha li jkomplu jistudjaw full-time f'livell post-graduate f'istituzzjonijiet edukattivi Maltin, inkluż fl-Università ta' Malta u fl-MCAST. Hekk aktar żgħażagħ u adulti jagħżlu li jkomplu javvanzaw il-ħiliet tagħhom mingħajr ma l-ispiża tkun ostaklu.

## 8. Krediti tal-bolla għall-istudenti waqt l-istudji

L-istudenti u ż-żgħażagħ li jkunu qed isegwu korsijiet postsekondarji jew terzjarji full-time jkollhom il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali akkreditati tul il-kors tal-istudju. Dawn jiġu kkalkulati għal skop ta' pensjoni.

# Iż-żgħażagħ fid-dinja tax-xogħol

## 9. Study leave għal min jaħdem full-time u jistudja part-time

Nintroduċu dritt essenzjali ta' study leave waqt il-perjodu tal-eżamijiet għall-ħaddiema full-time li qed jistudjaw part-time f'korsijiet rikonoxxuti. Din il-miżura tgħin lill-ħaddiema żgħażagħ ikomplu javvanzaw il-ħiliet tagħhom mingħajr ma jitilfu progress fil-karriera.

## 10. Placements u apprendistati mħallsa jew akkreditati

Insaħħu l-esperjenza prattika fl-edukazzjoni postsekondarja u terzjarja permezz ta' placements, traineeships u apprendistati li jkunu mħallsa jew akkreditati bħala parti mill-kors. L-għan hu li ż-żgħażagħ jidħlu fid-dinja tax-xogħol b'esperjenza reali, mingħajr ma nippromwovu x-xogħol bla ħlas.

## 11. JobsPlus Youth Match

Nirriformaw lil JobsPlus biex ikollu pjattaforma speċifika ta' Youth Match għaż-żgħażagħ, l-istudenti u l-gradwati. Din tkun sistema moderna li tqabbel il-ħiliet, l-interessi u l-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ mal-opportunitajiet ta' impjieg, traineeships, internships u apprendistati.

## 12. AI, ħiliet diġitali u setturi ġodda

Insaħħu l-korsijiet u t-taħriġ marbut mal-AI, id-data, is-cybersecurity, l-awtomatizzazzjoni, ir-robotika, in-New Space u setturi ekonomiċi ġodda. Hekk nagħtu opportunità liż-żgħażagħ biex jiksbu ħiliet speċjalizzati u jidħlu f'impjiegi ta' valur ogħla u f'karrieri li jħallsu aħjar.

## 13. Iż-żgħażagħ jistgħu jagħmlu opportunità tax-xogħol waqt il-probation

Iż-żgħazagħ li jkunu waqt il-probation mas-Servizz Pubbliku u jiġu offruti opportunità ta' placement jew apprendistat (barra mis-Servizz Pubbliku) fl-istess xogħol li jkun l-impjieg tagħhom, dawn jingħataw leave bla ħlas biex ikunu jistgħu jieħu l-opportunità. Wara jkomplu bil-probation li jkun jonqoshom.

## 14. Startups immexxija miż-żgħażagħ

Insaħħu l-appoġġ lill-istartups immexxija miż-żgħażagħ permezz ta' mentoring, aċċess għall-fondi, micro-grants, inkubaturi u rabta aktar diretta bejn l-Università ta' Malta, l-MCAST, l-ITS, il-Malta Enterprise, Xjenza Malta, l-industrija u investituri.

# Edukazzjoni għall-ħajja

## 15. Litteriżmu finanzjarju, ħiliet għall-intervisti tax-xogħol u ċittadinanza diġitali

Insaħħu l-kurrikulu biex l-istudenti jitgħallmu għadd ta' ħiliet essenzjali għall-ħajja tal-lum, bħal pereżempju kif taħdem is-sistema tat-taxxa, kif tifhem kuntratt, kif tapplika għal impjieg, kif tieħu sehem f'intervista tax-xogħol, kif tuża l-midja soċjali b'mod responsabbli, u kif tagħraf il-fake news.

### 16. L-ewwel għajnuna, l-għawn u s-self-defence bħala ħiliet bażiċi

Nintroduċu l-ewwel għajnuna bħala parti mill-edukazzjoni sekondarja u nsaħħu l-opportunitajiet għall-għawm u s-self-defence bħala parti minn programm usa' ta' ħiliet prattiċi, saħħa u sigurtà personali.

### 17. Appoġġ one-to-one lill-istudenti

Insaħħu l-appoġġ personalizzat għall-istudenti li jkunu qed ibatu f'xi suġġetti partikolari. Niżguraw li s-sistema edukattiva tagħna tagħraf li mhux kull student jitgħallem bl-istess mod u bl-istess ritmu.

### 18. Appoġġ lill-istudenti atleti

Nintroduċu appoġġ aktar strutturat għall-istudenti atleti biex ikunu jistgħu jsibu bilanċ bejn l-edukazzjoni u l-isport. Dan jinkludi flessibbiltajiet fit-timetable, mentoring, appoġġ akkademiku, u għajnuna biex la jintilef l-istudju u lanqas it-talent sportiv tagħhom.

## Is-saħħa mentali u sesswali

### 19. Counselling ta' kwalità f'kull skola

Niżguraw li kull skola jkollha servizz ta' counselling ta' kwalità, b'riżorsi adegwati u perkorsi ċari għal servizzi speċjalizzati oħrajn meta jkun hemm bżonn.

### 20. Mental health first aid għal min jaħdem maż-żgħażagħ

Nintroduċu taħriġ relatat mal-mental health first aid għall-professjonisti li jaħdmu qrib iż-żgħażagħ, fosthom l-għalliema, il-youth workers, il-coaches, il-leaders u persuni li jaħdmu f'ambjenti edukattivi u komunitarji.

### 21. Nistinkaw kontra l-istigma tas-saħħa mentali

Inniedu inizjattivi edukattivi mmirati għaż-żgħażagħ biex innaqqsu l-istigma fejn jidħlu t-terapija, il-counselling u l-għajnuniet relatati ma' kundizzjonijiet tas-saħħa mentali. Il-messaġġ ta' Gvern ġdid Nazzjonalista jibgħat messaġġ b'saħħtu: li titlob l-għajnuna mhix dgħjufija, iżda pass responsabbli.

### 22. Riforma fil-politika tas-saħħa sesswali

Nirriformaw il-politika nazzjonali tas-saħħa sesswali u l-kontenut edukattiv fl-iskejjel biex ikun aġġornat, ibbażat fuq qafas professjonali u adattat għar-realtajiet tal-lum.

### 23. Aċċess aħjar għal kliniċi tas-saħħa sesswali

Insaħħu l-aċċess taż-żgħażagħ għal kliniċi tas-saħħa sesswali, counselling, screening u mezzi ta' prevenzjoni skont gwida medika u professjonali.

### 24. Genitourinary clinic f'Għawdex

Nifthu genitourinary clinic f'Għawdex biex iż-żgħażagħ u r-residenti Għawdxin jkollhom aċċess ġdid għal dan is-servizz essenzjali tas-saħħa sesswali u l-prevenzjoni f'Għawdex.

## Iż-żgħażagħ fl-arti, il-kultura u l-volontarjat

### 25. Boroż ta' studju u esperjenzi artistiċi barra minn Malta

Inżidu l-boroż ta' studju u l-għotjiet liż-żgħażagħ artisti biex jattendu sessjonijiet ta' ħidma, masterclasses, festivals, residenzi artistiċi u esperjenzi barra minn Malta.

## 26. Snajja' tradizzjonali u taħriġ liż-żgħażagħ

Insaħħu t-taħriġ vokazzjonali għaż-żgħażagħ f'oqsma marbuta mas-snajja' tradizzjonali Maltin u Għawdxin, inkluż l-artiġġjanat, ir-restawr, il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ, il-bini tad-dgħajjes tradizzjonali u ħiliet oħra li jagħnu l-identità tagħna.

## 27. Civic service credits

Nintroduċu sistema ta' civic service credits fis-sistema edukattiva biex iż-żgħażagħ jingħataw rikonoxximent skont eżiti tat-tagħlim u kompetenzi fil-livell MQF għall-ħidma volontarja tagħhom fil-komunità, l-isport, il-kultura, l-ambjent, l-għaqdiet reliġjużi u soċjali, u l-NGOs. Din is-sistema tgħin favur kultura ta' responsabbiltà u parteċipazzjoni mingħajr ma ngħabbu l-volontarjat b'eżerċizzju burokratiku ieħor.

# Tnaqqis fit-taxxi biex int tixtri d-dar tiegħek

## 28. Għajnuna lil min irid isir sid ta' daru

Inwessgħu l-iskemi tal-Awtorità tad-Djar biex jiżdiedu d-djar affordabbli, inkluż bl-Equity Sharing Scheme, sħubijiet pubbliċi privati, u skemi Buy-to-Rent.

## 29. Eżenzjoni fuq il-bolla lill-first-time buyers sa €350,000

Inwessgħu l-eżenzjoni fuq il-bolla lill-first-time buyers sa €350,000 biex aktar koppji żgħażagħ ikunu jistgħu jsiru sidien ta' darhom u jibdew ħajja b'aktar stabbiltà u b'inqas piż fiskali. Fuq l-ewwel €350,000 tal-prezz tal-propjetà ma titħallas ebda taxxa.

## 30. Għajnuna biex jitħallas id-depożitu tal-ewwel dar

Gvern ġdid Nazzjonalista jgħin lil min qed jixtri l-ewwel dar billi l-Gvern joħroġ id-depożitu li normalment ikun ta' 10% u dan jitħallas lura bla imgħax fuq medda ta' 40 sena. Permez ta' din l-iskema id-depożitu li joħroġ il-Gvern se jiżdied minn €225,000 għal €450,000, biex jirrifletti aħjar il-prezzijiet tal-lum. Din il-miżura tneħħi wieħed mill-akbar xkiel li qed iżomm lil ħafna żgħażagħ milli jixtru darhom.

## 31. Ħlas lura ta' nofs l-imgħax tas-self fuq id-dar għall-ewwel 10 snin

Il-Partit Nazzjonalista qed jipproponi wkoll li min jixtri l-ewwel dar jingħata ħlas lura ta' 50% tal-imgħax li jkun qed iħallas fuq is-self fuq id-dar. Din l-għajnuna tingħata kull xahar, direttament fil-kont bankarju tax-xerrej, għall-ewwel 10 snin tas-self fuq id-dar. L-għajnuna tkun limitata għal massimu ta' 1.25% fis-sena tas-self oriġinali. Fuq self għal dar ta' €405,000, persuna jew koppja tkun tista' tirċievi madwar €390 fix-xahar għal 10 snin. Dan ifisser total ta' madwar €46,800 f'għajnuna diretta.

## 32. Suq Soċjali tad-Djar

Fl-ewwel sena tal-leġiżlatura, inwaqqfu Suq Soċjali tad-Djar: suq paralleli u permanenti biex id-dar tkun dritt soċjali. Id-djar jinbiegħu bi prezz affordabbli u, meta jerġgħu jinbiegħu, jibqgħu marbuta mal-prezz oriġinali, aġġustat biss għall-inflazzjoni u t-titjib approvat. Dan is-suq jitħaddem b'pakkett fiskali u regolatorju speċjali, inkluż b'eżenzjonijiet minn taxxi u spejjeż relatati, u self soċjali b'rata baxxa u fissa. Il-mudell jitwettaq bi Trusts Komunitarji tal-Art u b'kooperattivi tad-djar, biex l-art tinżamm barra mill-ispekulazzjoni u d-djar jibqgħu affordabbli fit-tul.

## 33. Żieda qawwija fl-istokk tal-housing affordabbli u soċjali ta' kwalità

Inżidu sostanzjalment l-istokk tal-housing affordabbli u soċjali ta' kwalità permezz ta' binjiet ġodda, riġenerazzjoni ta' propjetà eżistenti u użu aħjar tal-art u binjiet pubbliċi, bi prijorità liż-żgħażagħ, il-familji b'introjtu medju u baxx, lill-anzjani u l-persuni vulnerabbli. Din iż-żieda tissaħħaħ permezz tas-Suq Soċjali tad-Djar

## 34. Appoġġ finanzjarju għall-kera privata

Nintroduċu benefiċċju annwali għall-persuni u l-familji li jgħixu f'akkomodazzjoni mikrija b'kuntratt reġistrat iżda li, minħabba d-dħul tagħhom jew raġunijiet oħrajn, ma jkunux eliġibbli għall-iskemi eżistenti tas-sussidju fuq il-kera privata. Il-benefiċċju jieħu l-forma ta' kreditu tat-taxxa għal min iħallas it-taxxa, u pagament dirett għal min jaqla' inqas mil-limitu tat-taxxa. Il-miżura tiġi abbinata ma' qafas ta' stabbiltà fil-prezzijiet tal-kiri li jipproteġi lill-inkwilini b'kuntratti rreġistrati minn żidiet mhux ġustifikati, filwaqt li nkomplu ninċentivaw il-formalità fis-suq tal-kiri kollu kemm hu.

# Parteċipazzjoni u tmexxija

## 35. Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ imsaħħaħ

Insaħħu l-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ u naġġornaw il-validità tiegħu għall-ħtiġijiet tal-lum. Permezz tiegħu insaħħu l-mekkaniżmu permanenti ta' konsultazzjoni maż-żgħażagħ b'rabta ma' policies li jolqtuhom direttament, b'forum prattiku mhux simboliku, u b'aċċess reċiproku għal uffiċjali pubbliċi, dawk li jfasslu l-policies u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.

## 36. Parteċipazzjoni elettorali u osservaturi żgħażagħ

Ninċentivaw liż-żgħażagħ biex jieħdu sehem bħala osservaturi elettorali, membri fi proċessi elettorali u voluntiera f'inizjattivi dwar l-edukazzjoni demokratika.

## 37. Il-bullying online, il-fake news u d-diskors ta' mibegħda

Insaħħu l-edukazzjoni, l-infurzar u r-riżorsi kontra l-bullying online, il-fake news u d-diskors ta' mibegħda u kif għandna nġibu ruħna f'dawk is-sitwazzjonijiet. Iż-żgħażagħ jeħtieġu protezzjoni online bl-istess saħħa kemm nipproteġuhom fiżikament.

## 38. Youth workers f'kull lokalità

Nintroduċu youth workers mifruxin mal-lokalitajiet biex jagħtu gwida, joħolqu spazji ta' parteċipazzjoni u jkunu punt ta' kuntatt għaż-żgħażagħ dwar kwistjonijiet personali, edukattivi, komunitarji u ta' saħħa mentali.

PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Dan hu l-mument tiegħek